Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 246/2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adrian Lia Psaila**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Adrian Lia Psaila, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 274174M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Jannar 2019 f'dawn il-Gzejjer;

Naqas li jaghti lil Claire Perry, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Settembru, 2019 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal xahar [1] prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' sena [1]. Illi l-Qorti b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil imputat sabiex ihallas lil parte

civile is-somma ta’ hames mija u tnejn u erbghin Euro (€542) dovuti lilha ghax xahar ta’ Jannar 2019, bhala manteniment ghal uliedha, fi zmien tlett xhur;

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Adrian Lia Psaila, pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fil-25 ta’ Settembru, 2019 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata u dan billi **tvarja** l-piena imposta fuqu b’piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mill-piena erogata mill-ewwel Qorti fuq il-premessa illi din mhix wahda ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz fejn hu qed jaghmel minn kollox biex jonora l-obbigi tieghu;

2. Minkejja dan, izda, u f’dak li huwa prattikament l-ewwel udjenza ta’ dan l-appell, il-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi fil-mori l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputazzjoni;

3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta’ Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-

parametri tal-ligi,  madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi specjali sabiex ikun hemm varjazzjoni fil-piena. Ghal dawn il-motivi, tilqa l-appell u  tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' xahar [1] prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu sospizi ghal perjodu ta' sena [1] u li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil imputat sabiex ihallas lil parte civile is-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin Euro (€542) dovuti lilha ghax xahar ta' Jannar 2019, bhala manteniment ghal uliedha, fi zmien tlett xhur, u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.